# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025.**

**Numru 23**

**Rikors numru 246/2021/1**

**L-Avukat Dottor Jesmond Manicaro bħala mandatarju speċjali tal-assenti kumpanniji:**

1. **Net Insurance SPA kumpannija estera reġistrata l-Italja fil-Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura ta' Ruma bin-numru tar-reġistrazzjoni - numero REA – RM 948019**

2. **Net Insurance Life SPA kumpannija estera reġistrata reġistrata l-Italja fil-Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura ta' Ruma bin-numru tar-reġistrazzjoni - numero REA – RM 11787995**

**v.**

**Sunset Financials Limited – C76119**

1. Rat ir-rikors promutur tas-27 ta' Lulju 2021 tal-Avukat Dottor Jesmond Manicaro, mandatarju speċjali tal-assenti kumpaniji esteri **Net Insurance SPA** u **Net Insurance Life SPA,** fejn espona bir-rispett is-segwenti:

> *1. "Illi r-rikorrent huwa debitament awtorizzat jipproċedi bir-rikors odjern u dan skont prokura speċjali li qed tiġi hawn annessa u mmarkata* ***Dok "NA1"****;*
>
> *2. Illi l-proċedura odjerna hi intiża għall-esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn ġurisdizzjoni estera ai termini tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tal-Kap 52 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *3. Illi s-sentenza li tagħha qed tiġi mitluba l-esekuzzjoni hija dik mogħtija mill-Qorti Għolja tal-Ġustizzja fir-Renju Unit – Business and Property Courts of England and Wales Commercial Court bin-numri CL-2019-000254 fis-segwenti ismijiet:*
>
> ***"(1) NET INSURANCE S.p.A, (2) NET INSURANCE LIFE S.p.A. -vs- (1) GIANLUIGI TORZI, (2) GIANCARLO ANDREELLA, (3) FEG INT ASSETS S.A. (a company incorporated in Luxembourg), (4) ODIKON SERVICES PLC, (5) SUNSET FINANCIALS LTD (a company incorporated in Malta)"***
>
> *li ġiet deċiża mill-Onor. Daniel Toledano QC, nhar il-wieħed u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (21/01/2021), kopja awtentika ta' liema sentenza qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok "NA2"*** *(annotata bħala "****Final Judgment****), qed tiġi annessa wkoll is-Sentenza Raġjunata tal-istess Onor. Daniel Toledano QC datata tnax ta' Jannar tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (12/01/2021) immarkata bħala* ***Dok "NA3"*** *(annotata bħala* ***"Reasoned Judgment"****) kif ukoll id-deċiżjoni fuq il-Materji Konsekwenzjali tal-istess Onor. Daniel Toledano QC datata tmintax ta' Jannar 2021 (18/01/2021) immarkata bħala* ***Dok "NA4"*** *(annotata bħala "****Consequentials Judgment****").*
>
> *4. Illi s-Sentenza Finali (Final Judgment) tagħti effett kemm lis-Sentenza Raġjunata (Reasoned Judgment) kif ukoll is-Sentenza dwar il-Materji Konsekwenzjali (Consequentials Judgment) u dan kif jidher mill-opinjoni legali datata l-għaxra ta' Marzu tas-sena elfejn (10.03.2021) iffirmata mill-avukat Ingliż David Foster, kopja hawn annessa u mmarkata* ***Dok "NA5"****. Id-dikjarazzjonijiet tal-avukat Ingliż David Foster jipprovdu wkoll spjegazzjoni ċara fir-rigward tal-proċedura u l-effetti tas-sentenza;*
>
> *5. Illi l-imsemmija sentenza għaddiet in ġudikat u ma tistax tiġi appellata u dan wkoll skont dak iddikjarat mill-Avukat David Foster fid-dikjarazzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija;*
>
> *6. Illi permezz tas-sentenza hawn fuq imsemmija il-kumpanija konvenuta ġiet ikkundannata tħallas lill-kumpanniji rikorrenti is-somma ta' għaxar miljun Ewro (€10,000,000) flimkien ma' interessi ta' wieħed fil-mija (1%) fis-sena dekorribbli mit-tletin t' April tas-sena elfejn u għoxrin (30/04/2020);*
>
> *7. Illi sa llum il-kumpannija konvenuta għadha ma ħallsitx is-somma kanonizzata permezz tas-sentenza suriferita, u illi għalhekk kellha tiġi intavolata din il-proċedura billi jidher li tali flejjes jistgħu jinsabu f' Malta;*

*8. Illi għal kull buon fini qiegħed jiġi dikjarat li s-sentenza ma fihiex dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubblika jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta u lanqas dispożizzjonijiet li jmorru kontra dak sanċit taħt Artikolu 3(2) tal-Kap 52 tal-Liġijiet ta' Malta u Titolu V tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li jogħġobha:*

*1. Tiddikjara u tordna li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Għolja tal-Ġustizzja fir-Renju Unit - Business and Property Courts of England and Wales Commercial Court bin-numri CL-2019-000254 fis-segwenti ismijiet: **"(1) NET INSURANCE S.p.A, (2) NET INSURANCE LIFE S.p.A. -vs- (1) GIANLUIGI TORZI, (2) GIANCARLO ANDREELLA, (3) FEG INT ASSETS S.A. (a company incorporated in Luxembourg), (4) ODIKON SERVICES PLC, (5) SUNSET FINANCIALS LTD (a company incorporated in Malta)"** li ġiet deċiża mill-Onor. Daniel Toledano QC, nhar il-wieħed u għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (21/01/2021), għandha tiġi rikonoxxuta u esegwita f' Malta, għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi ta' Malta a bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 52 tal-Liġijiet ta' Malta u Titolu V tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tordna li l-eventwali sentenza li biha tiġi ordnata l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Għolja tal-Ġustizzja fir-Renju Unit – Business and Property Courts of England and Wales Commercial Court bin-numru CL-2019-000254 tiġi reġistrata fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax kontra l-kumpannija intimata li minn issa nġunta għas-subizzjoni."*

2. Rat li din il-Qorti ffissat is-smiegħ ta' din il-kawża għall-4 ta' Ġunju 2024.

3. Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Settembru 2024 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-Avukat Jesmond Manicaro *nomine* sabiex is-soċjetà konvenuta Sunset Financials Limited tiġi notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni *stante* li kienu saru diversi tentattivi għan-notifika tagħha, iżda mingħajr eżitu.

4. Rat li s-soċjetà konvenuta Sunset Financials Limited ġiet

debitament notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni[1] u affissjoni[2].

5. Rat li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2024 ġie osservat li kien għadu għaddej it-terminu għar-risposta da parti tas-soċjetà konvenuta u għalhekk din il-proċedura ġiet differita għas-26 ta' Novembru 2024.

6. Rat li s-soċjetà konvenuta baqgħet ma weġbitx u lanqas ma dehret għas-seduta tas-26 ta' Novembru 2004. Għalhekk din il-Qorti ddifferiet din il-proċedura għad-deċiżjoni għall-25 ta' Frar 2025.

**Ikkunsidrat:**

7. Illi din il-proċedura saret fit-termini tal-Kapitolu 12 (Titolu V tat-Tielet Ktieb) u tal-Kapitolu 52 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti dispożizzjonijiet tal-liġi fir-rigward:

(a) Kapitolu 52

(Att dwar l-Eżekuzzjoni Sentenzi ta' Tribunali Ngliżi):

*3.(1) Meta tkun ġiet mogħtija sentenza minn qorti superjuri fir-Renju Unit, il-kreditur kanonizzat jista' jagħmel talba lill-Qorti tal-Appell, f'kull żmien matul tnax-il xahar mid-data tas-sentenza, jew fi żmien itwal kif jiġi mogħti mill-Qorti tal-Appell, għar-reġistrazzjoni tas-sentenza*

[1] Fit-2 ta' Ottubru 2024 saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta ***The Malta Independent*** u ***l-Orizzont***, filwaqt li fit-8 ta' Ottubru 2024 saret il-pubblikazzjoni fil-***Gazzetta tal-Gvern***

[2] Fl-1 ta' Ottubru 2024 saret l-affissjoni tar-rikors promutur u tal-avviż tas-smigħ fl-indirizz tal-**Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema**, u fl-indirizz tal-**Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema**, filwaqt li fl-10 ta' Ottubru 2007 saret l-affissjoni fl-indirizz tas-**soċjeta` konvenuta** f' 123, Level 1, Triq Manuel Dimech, c/w Rudolph Street, Sliema.

*f'waħda mill-qrati superjuri ta' Malta; u, fuq din it-talba, il-qorti tista' jekk miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ikun jidhrilha sewwa u konvenjenti illi s-sentenza għandha tiġi esegwita f'Malta, u bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, tordna li s-sentenza tiġi hekk irreġistrata.*

*(2) Ebda ordni għar-reġistrazzjoni ta' sentenza taħt dan l-artikolu ma jiġi mogħti jekk –*

*(a) il-qorti oriġinali ma kellhiex ġurisdizzjoni; jew*

*(b) id-debitur kanonizzat ma kienx persuna li teżerċita l-kummerċ u lanqas persuna li ordinarjament toqgħod fil-ġurisdizzjoni tal-qorti oriġinali, u ma deherx minn rajh jew xort'oħra ma qagħadx, jew ma aċċettax li joqgħod għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti; jew*

*(ċ) id-debitur kanonizzat, li jkun il-konvenut fil-proċediment, ma jkunx ġie regolarment innotifikat bl-atti tal-qorti oriġinali, u ma deherx, għalkemm hu kien ordinarjament joqgħod jew kien jeżerċita l-kummerċ fil-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti jew aċċetta li joqgħod għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti; jew*

*(d) is-sentenza tkun ġiet meħuda b'qerq; jew*

*(e) id-debitur kanonizzat jissodisfa lill-qorti reġistratriċi jew li hemm appell miexi, jew li hu għandu jeddjagħmel, u bi ħsiebu jagħmel, appell kontra s-sentenza; jew*

*(f) is-sentenza kienet mogħtija dwar azzjoni li għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew għal raġunijiet oħra bħal dawn, ma kenitx tista' tiġi milqugħa mill-qorti reġistratriċi.*

*(3) Meta sentenza tiġi irreġistrata taħt dan l-artikolu –*

*(a) is-sentenza għandha, mid-data tar-reġistrazzjoni, l-istess saħħa u effett, u tista' tiġi esegwita bl-istess mod daqs li kieku kienet sentenza mill-ewwel mogħtija jew irreġistrata fid-data tar-reġistrazzjoni fil-qorti reġistratriċi; u l-iskrizzjoni tagħha fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku tista' ssir skont il-liġijiet lokali li jkunu jseħħu fiż-żmien li jkun;*

*(b) il-qorti reġistratriċi għandha l-istess awtorità u ġurisdizzjoni fuq is-sentenza kif għandha fuq sentenzi bħal dawn mogħtijin minnha nfisha, iżda biss rigward l-esekuzzjoni skont dan l-artikolu;*

*(ċ) l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni tas-sentenza u dawk inċidentali (kompriżi l-ispejjeż sabiex tittieħed kopja awtentika tas-sentenza mill-qorti oriġinali u sabiex issir it-talba għar-reġistrazzjoni) jistgħu jinġabru bl-istess mod bħallikieku kienu somom li għandhom jitħallsu bis-saħħa tas-sentenza.*

(b) <u>Titolu V tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12</u>

<u>(Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili)</u>

*"825A. Meta Regolamenti tal-Unjoni Ewropea jipprovdu, dwar affarijiet regolati taħt dan it-Titolu, b'mod li jkun differenti milli hemm f'dan it-Titolu, dawk ir-regolamenti għandhom jipprevalixxu, u d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom biss japplikaw meta ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti jew f'affarijiet li ma jaqgħux fl-ambitu ta' dawk ir-regolamenti.*

*826. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.*

*827. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu li jiġi minnufih qabel dan ma għandhomx iseħħu:*

*(a) jekk is-sentenza li tagħha tintalab l-esekuzzjoni tista' tkun attakkata għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811;*

*(b) f'każ ta' sentenza mogħtija fil-kontumaċja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaċi skont il-liġi barranija;*

*(ċ) jekk is-sentenza fiha xi dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-eċċezzjoni ta' inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti li tat is-sentenza, tista' tingħata taħt id-dispożizzjoni tal-artikolu 811(d), ukoll jekk dik il-qorti tkun iddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, fil-każ ta' azzjoni kontra persuna li ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti sew minħabba d-domiċilju jew ir-residenza tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx qagħdet minrajha għal dik il-ġurisdizzjoni.*

*828. Is-sentenza li biha tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' sentenza oħra mogħtija minn qorti ta' pajjiż barra minn Malta, kif tiġi irreġistrata fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku, tipproduċi, minn dak in-nhar li tiġi hekk irreġistrata, ipoteka għall-kreditu kkanonizzat bis-sentenza li tagħha tiġi ordnata l-esekuzzjoni."*

8. Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-segwenti ġurisprudenza fir-rigward:

- ***Schoeller International Gmbh noe vs Ellul Mario et***

(1622/1999) deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju 2005, fejn ġie ritenut illi qrati lokali m'għandhomx ikunu kkonċernati bil-mertu tal-proċeduri quddiem il-Qorti barranija:

> *"…meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti il-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost ta' l-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap 12. F'dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta' Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista' tigi attakkata ghal xi raguni li, skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur ta' l-Artkolu 811 tal-Kap 12, (b) li f'kaz ta' sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta."*

- ***Dr Christian Farrugia noe vs Peter Blond International Ltd*** (916/2003) deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2008, fejn ġie meqjus li l-eċċezzjonijiet għar-rikonoxximent u konsegwenti eżekuzzjoni ta' sentenza estera msemmija fl-Artikolu 827, m'għandhomx jitqajmu *ex officio* imma l-Qorti għandha tevalwa r-rekwiżiti elenkati fl-imsemmi artikolu biss jekk titqajjem xi eċċezzjoni f'dak is-sens mill-partijiet:

> *"Din il-Qorti ma tahsibx li, ghall-fini ta' l-Artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, ghandha tissolleva sua sponte difiza fit-termini ta' l-Artikolu 827, ghax mhux xoghol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu ghall-infurzar tas-sentenza estera."*

- ***Av Dr. Joseph Zammit McKeon nomine vs. Laferla Insurance Agency et*** (1158/2007) deċiża minn din il-Qorti fil-25 t'Ottubru 2013, fejn ġie nsenjat hekk:

> *"Din il-Qorti tara li l-materja hija regalata bl-Artikoli 826 u 827 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). L-Artikolu 826 jibda biex jenuncja l-principju illi sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti estera "jistghu jigu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta". L-Artikolu 827 isegwi billi jghid meta ma jistax isir dan. Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-Artikolu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma "exhaustive", fis-sens li l-Qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artikolu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ippruvat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga' tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-ligi estera mal-Ordinament Guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta' Malta. Il-principju internazzjonali ta' "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' tirrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera.*
>
> *[...]*
>
> *Mhux kull ligi Maltija trid bilfors tkun rispettata mill-Qrati esteri. F'kawza ohra Ingliza, Scarman J. qal li "an English Court will refuse to apply a law which outrages its sense of justice and decency" ("In the Estate of Fuld (No, 3)" 1968). Il-fatt li pajjiz esteru ghandu principji ta' dritt differenti minn dawk lokali ma jtellfux mill-enforzar taghha, sakemm ma jolqtux is-sens ta' gustizzja ta' dak il-pajjiz, tant li, per ezempju, fl-Ingilterra, sentenza estera giet enforzata avolja kienet tmur kontra l-kuncett ta' "consideration", tant importanti fil-ligi Ingliza fuq il-kuntratt ("Re Bonacina" 1912). Huwa biss "where the fundamental conceptions of English justice are disregarded" (ibid. pagna 149), jew meta s-sentenza estera tolqot "dei valori fondamentali della societa`" (Galgano "Diritto Privato" 2 ediz. p. 251), li Qorti lokali trid toqghod attenta qabel ma tenforza sentenza estera."*

9. Din il-Qorti rat il-kopji awtentiċi tar-***Reasoned Judgment*** datata 12 ta' Jannar 2021 u tal-***Consequentials Judgment*** datata 18 ta' Jannar

2021, kif ukoll il-kopja awtentika tal-***Final Judgment*** datata 21 ta' Jannar 2021 mertu ta' din il-proċedura.

10. Rat ukoll l-**opinjoni legali** tal-Avukat Ingliż David Foster, datata 10 ta' Marzu 2021, fejn ikkonferma li s-sentenza mertu ta' din il-proċedura hija waħda finali u mhux appellabbli.

> *"I am a solicitor and the Partner responsible for the conduct of the above proceedings in the Commercial Court London, on behalf of Net Insurance S.p.A. and Net Insurance Life S.p.A. (together, "Net")*
> *…*
> *The Final Judgment gives effect to both the Reasoned Judgment and the Consequentials Judgment by setting out the consequences of both those reasoned decisions and granting relief to the successful party. As noted above, the Final Judgment provides at paragraph 1 that judgment is given against Sunset in the amount of €10m plus interest. As I shall explain in further detail below, this judgment debt is final, cannot be challenged on appeal, and is immediatelhy enforceable.*
>
> *For the reasons stated in the Consequentials Judgment, and as recorded in paragraph 7 of the Final Judgment, the First Defendant's and Sunset's applications for permission to appeal were both dismissed.*
>
> *Under the English Civil Procedure Rules, if the trial judge refuses permission to appeal, as in this case, it is possible for a party to seek permission to appeal by making an application directly to the Court of Appeal. However any application for permission to appeal should have been made to the Court of Appeal within 21 days of the date of Mr Daniel Toledano Q.C.'s Reasoned Decision (issued on 12 January 2021). No such application has been made, and therefore the time limit for making an application for permission to appeal has expired.*
>
> *Furthermore, on 28 January 2021, Net reached an agreement with the First Defendant and Sunset whereby they agreed not to pursue an application for permission to appeal against Reasoned Decision (in consideration for Net agreeing to extend the time period within which the Defendants must pay the costs of £130,000). Consequently not only has the time period for seeking to appeal any of the judgments attached as Exhibits 1, 2 and 3 expired, but Sunset has contractually agreed not to seek permission to appeal. In these circumstances, the Final Judgment is final, binding and immediately enforceable."*

11. Rat ukoll li għat-talba kif avvanzata ma tressqet ebda oġġezzjoni skont il-liġi.

12. Konsegwentement qiegħda tilqa' t-talbiet kif dedotti mir-rikorrenti *nomine* bl-ispejjeż u l-imgħax kontra s-soċjetà intimata Sunset Financials Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb